**9 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Anthony Guillaumier

*versus*

Joseph Cassar Aveta *noe*

***Scaffolding* - Kera ta' - Preskrizzjoni - Rinunzja ta'**

*L-attur aġixxa biex jirkupra kera ta' scaffolding inkluż kumpens għal perijodu oltre dak miftiehem. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ġiet milqugħa t-talba attriċi.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet ukoll l-aggravju tal-preskrizzjoni fis-sens illi sabet illi meta kien hemm rikonoxximent ta' debitu iżda kontestazzjoni fuq il-*quantum *dan kien jammonta għal rinunzja għall-preskrizzjoni.*

Il-Qorti:-

Fis-27 ta' Ġunju, 1994, il-Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat is-segwenti sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentta fit-12 ta' April, 1993, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi s-soċjetà konvenuta ħadet b'titolu ta' kera mingħand l-attur kwantità ta' *H Frames Scaffolding* li kellu jintuża fix-*showroom* il-ġdid tas-soċjetà konvenuta matul ix-xahar ta' Diċembru, 1989;

Premess illi din il-lokazzjoni għal perijodu ta' xahar saret bil-prezz miftiehem ta' Lm600;

Premess illi s-soċjetà konvenuta nfatti kellha bżonn u fil-fatt żammet għandha l-i*scaffolding* għal perijodu ta' xahrejn;

Premess illi b'konsegwenza l-kera jew kumpens għall-perijodu li fih is-soċjetà konvenuta kellha fil-pussess tagħha l-

i*scaffolding* tammonta għal Lm1,200;

Talab li din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* li jħallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija jew somma verjuri ffissata minn dina l-Qorti għall-kera u kumpens għall-użu ta' l-i*scaffolding* kif fuq spjegat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cassar Aveta fil-kwalità tiegħu premessa ppreżentata fit-28 ta' Mejju, 1993, li biha eċċepixxa:

Illi qabel xejn trid issir il-prova illi l-*H Frames Scaffolding* jappartjenu lill-attur personalment;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talba ta' l-attur għas-somma ta' Lm1,200 hija esaġerata għall-aħħar peress illi l-ftehim kien ta' Lm600 għall-użu speċifikat mingħajr ma ġie stipulat perijodu;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Semgħet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din il-vertenza ghalkemm fiha saru diversi allegazzjonijiet miż-żewġ partijiet li diffiċli hafna li wiehed jikkombaċjahom tirrisolvi ruhha f'deċiżjoni sempliċi hafna;

Hemm qbil bejn il-partijiet illi l-attur kera ammont ta' *scaffolding* lill-konvenut *nomine*. L-attur jghid illi l-ftehim kien illi huwa jislef l-ghodda ossia l-i*scaffolding* illi kellu huwa u jghid ukoll illi huwa lil-konvenut qallu illi kien ser jisilfu jew jikrilu *H Frames*. Anke in kontro-eżami, ix-xhud baqa' jinsisti illi l-ftehim kien dwar *H Frames* biss billi huwa *H Frames* biss kellu. Jghid ukoll illi meta huwa staqsa kemm kien il-perijodu illi d-ditta konvenuta kienet qieghda tipprevedi illi ddum biex tutilizza dawn il-*frames*, dawn qalulu illi kien ghal perijodu ta' madwar xahar. Qal ukoll illi bhala prezz kienu ftehmu sitt mija (Lm600) ta' xahar;

Effettivament però jghid l-attur id-ditta konvenuta żammet dawn l-*H Frames* ghal tliet xhur u ghalhekk huwa effettivament iċċarġja elf u mitejn lira (Lm1,200), jiġifieri kważi a bażi ta' xahrejn u mhux tliet xhur. Ghall-konvenut Lawrence Fino prodott u ri-prodott jghid illi dwar żmien ma kienx hemm ftehim u jikkonferma illi l-attur kien qallu illi l-prezz tal-kirja kien se jkun sitt mitt lira (Lm600);

Id-diffikultà ghalhekk hija biss dwar il-ftehim illi sar bejn il-partijiet. Peress illi parti tghid iswed u parti tghid abjad, biex il-Qorti tasal ghall-konklużjoni trid bilfors tiehu fatturi indipendenti u ċirkostanzjali li jistghu jghinu bhala indikazzjoni ta' min miż-żewġ partijiet qieghed jirrifletti dak illi fil-fatt ġie miftiehem;

L-uniku differenza sostanzjali allura bejn il-partijiet hija jekk il-ftehim kienx ta' sitt mija (Lm600) ghal xahar jew sitt mija indipendentement kemm kien idum l-i*scaffolding* ghand id-

ditta konvenuta. Il-Qorti tara illi x-xogħol illi d-ditta konvenuta kienet sejra tittraprendi kien xogħol ta' natura sostanzjali, kien xogħol illi kif qal ix-xhud tad-ditta konvenuta stess, kien insolitu ferm għal hawn Malta;

L-istess xhud baqa' jgħid illi għalihom ma kienet tagħmel assolutament l-ebda differenza kemm kienu se jlestu x-xogħol malajr u l-Qorti tara li din l-asserzjoni ma tantx hi faċilment kredibbli una volta li huwa naturali li kull ditta kummerċjali għandha interess li x-xogħol li għandu jsir isir malajr kemm jista' jkun. Jekk mhux għaliex wieħed iħallas l-imgħaxijiet lill-bank, però għaliex aktar ma tlesti malajr ix-*showroom* tiegħek aktar ser tesponi malajr il-merċa li trid tipprova tbiegħ bl-istess esposizzjoni;

Jingħad ukoll illi huwa ferm inverosimili illi bejn negozjanti ssir kirja ta' oġġett jew oġġetti li ma jkollhiex terminu. Hija parti essenzjali mill-kirja l-impoṣizzjoni ta' terminu biex iż-żewġ partijiet ikunu jafu fejn qegħdin. Finalment, il-Qorti rat ukoll illi għalkemm jidher anke mix-xhieda tad-ditta konvenuta illi x-xogħol dam sejjer madwar tliet xhur u nofs, madankollu l-attur qiegħed jippretendi l-ammont ekwivalenti għall-kirja ta' xahrejn;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li għandha tagħti aktar piż lit-teżi ta' l-attur u konsegwentement tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas l-ammont ta' elf u mitejn lira (Lm1,200) dovut għar-raġuni fuq imsemmija, bl-interessi u bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut *nomine*";

Il-konvenut *nomine* appella minn din is-sentenza b'dan l-aggravju:

Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti

meta kkonkludiet li kien hemm ftehim għal żmien determinat fl-użu ta' l-*iscaffolding* minflok għal skop determinat kontra ħlas ta' *lump sum payment* kif qed jikkontendi s-soċjetà appellanti;

Li l-Ewwel Qorti akkoljiet it-talba sħiħa ta' Lm1,200 meta l-attur appellat lanqas biss issupplixxa l-*iscaffolding* kollu li kellha bżonn biex tarma l-ħġieġ tax-*showroom* il-ġdida;

*L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti injorat għal* kollox fatturi indipendenti li jikkorroboraw il-versjoni tiegħu li l-użu ta' l-*iscaffolding* kien għal skop determinat u li jagħmlu l-versjoni tiegħu waħda ferm aktar verosimili. Hu jelenka numru minn dawn il-fatturi li dwarhom din il-Qorti sejra, aktar tard, *tikkummenta*;

Qabel però sewwa jiġi innotat li, apparti l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ssollevata quddiem din il-Qorti fin-nota ta' eċċezzjonijiet oriġinali tiegħu, il-konvenut *nomine* jeċċepixxi biss:

Illi kellha ssir il-prova illi l-*H Frames Scaffolding* kien jappartjeni lill-attur personalment. Ma jidhirx li l-konvenut baqa' *jinsisti fuq din l-eċċezzjoni. Għall-kuntrarju fil-kors tat*-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, jidher li kien paċifiku li l-kirja saret mill-attur personalment u ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar jekk il-materjal *ut sic* kienx jew le proprjetà tiegħu jew ta' xi ħaddieħor, inkluża xi soċjetà. Del resto, anke kieku dan kien hekk dan ma jnaqqas xejn mid-dritt ta' l-attur li personalment jikri proprjetà ta' ħaddieħor li tkun disponibbli għalih;

*It-tieni eċċezzjoni li hi dik fil-meritu, hi li t-talba ta' l*-attur għas-somma ta' Lm1,200 hija esaġerata għall-aħħar peress li l-ftehim kien ta' Lm600 għall-użu speċifikat mingħajr ma ġie

stipulat perijodu. Kwistjonijiet oħra ssollevati fl-aggravju u mhux relevanti għal din l-eċċezzjoni huma bilfors irrelevanti għall-meritu;

It-teżi tal-konvenuti hi allura:

Li l-attur ma ssuppliex kwantità biżżejjed ta' *scaffolding* biex jarma l-faċċatta kollha tax-*showroom* il-ġdida;

Li l-ftehim kien fuq *lump sum* ta' Lm600 u li kif jispiċċaw iwaħħlu l-ħġieġ fuq il-faċċata, l-i*scaffolding* kellu jiġi rritornat. Żmien ma ġiex miftiehem;

Li d-ditta konvenuta kellha ġġib *scaffolding* ieħor mingħand ħaddieħor għax dak li tahom l-attur ma kienx biżżejjed. L-*H Frames* ġew ritornati appena tlesta x-xogħol;

Jiġi nnotat li l-konvenut *nomine* ma għamel l-ebda kontro-talba għat-talba attriċi u ma jistax allura f'dan l-istadju javanza pretensjonijiet li jemanu minn allegata inadempjenza kontrattwali ta' l-attur. Inadempjenza li setgħet talvolta tiġi tradotta fi kreditu li s-soċjetà konvenuta seta' kellha kontra l-attur in linea ta' danni għaliex hu jkun naqas li jissodisfa l-obbligi tiegħu skond il-ftehim. Jirriżulta li l-konvenut *nomine* aċċetta l-i*scaffolding* li pprovdielu l-attur, utilizzah għax-xogħol li għalih kien maħsub u ma jirriżultax li żamm lill-attur responsabbli b'xi mod għal xi inadempjenza kontratttwali. Ma jirriżultax li kien hemm xi ftehim dwar il-kwantità ta' *scaffolding* li kellha tiġi kkonsenjata lill-konvenut *nomine* u lanqas dwar it-tip jew kwalità ta' l-i*scaffolding*. Fir-rigward tal-kwantità, il-konvenut *nomine* irtira dak kollu li kien għad-disposizzjoni ta' l-attur u ma jidhirx li ilmenta *a tempo debito* jew li rrifjuta dak l-i*scaffolding* minħabba li ma kienx adegwat għall-bżonnijiet tiegħu. Fir-rigward tat-tip u kwalità ta' l-

i*scaffolding* jirriżulta ppruvat li s-soċjetà konvenuta kellha l-opportunità li tara l-i*scaffolding* qabel ma ġie lilha kkonsenjat, u l-kwalità ta'l-i*scaffolding* ġie kjarament deskritt b'disinn fid-*delivery notes* esebiti u li ġew rilaxxjati meta l-materjal ġie kkonsenjat lis-soċjetà appellanti. Il-konvenut isostni li dan l-i*scaffolding* ma kienx komplet meta ġie kkonsenjat lilu u allura kellu jissupplimentah b'materjal ieħor mingħand ħaddieħor. Ma kienx però daqstant konvinċenti meta xehed dwar kemm kienu serji n-nuqqasijiet u din il-Qorti ħadet impressjoni li dawn kienu marġinali. Żgur però li l-i*scaffolding* ġie aċċettat u użat;

Din il-Qorti ma tarax kif u għaliex għandha ma taċċettax l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti tal-fteħim bejn il-kontendenti. Ġie indubbjament ippruvat il-kiri ta' l-i*scaffolding*. Il-konsenja tiegħu, l-użu tiegħu mill-konvenut *nomine* għall-iskop li għalih ġie mikri u r-rata tal-kiri Li baqa' in kontestazzjoni hu biss iż-żmien li għalih sar il-fteħim tal-kiri u jekk il-konsiderazzjoni kinitx jew le relatata mat-tul taż-żmien;

L-Ewwel Qorti waslet għall-konvinċiment illi kien hemm żmien miftiehem ta' xahar għax dan kien iż-żmien li kien maħsub li jieħu x-xogħol speċifiku li għalih sar il-kuntratt tal-kiri. Una volta ġie stabbilit li x-xogħol ħa aktar minn xahrejn biex jiġi kkompletat, ġustament l-Ewwel Qorti dehrilha li l-kumpens kellu jkun relatat almenu maż-żmien li għalih is-soċjetà kienet utilizzat il-materjal. Din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandha l-ebda raġuni serja li tiddisturba l-apprezzament li l-Ewwel Qorti għamlet tal-provi prodotti u li fuqu tkun ibbażat il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha;

L-appellant *nomine* jittanta jikkonvinċi lil din il-Qorti li dan l-apprezzament kien żbaljat billi jissottometti illi l-Ewwel Qorti kienet injorat fatturi indipendenti li kienu jikkorroboraw il-versjoni tiegħu. Isostni li l-attur naqas li jesebixxi kopja tal-

fattura għax hu qatt ma talab ħlas. Dan però mhux sorprendenti għaliex il-kontendenti jirriżulta li huma t-tnejn negozjanti li ilhom żmien jafu lil xulxin, ilhom żmien jinnegozjaw flimkien u n-negozju bejniethom spiss isir fuq il-fiduċja. L-attur jidher li aġixxa biss wara li rriżultalu li ma kienx hemm qbil dwar il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas bir-rata li ppretenda hu mingħand is-soċjetà appellanti. Ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-attur kellu jinterpella lill-konvenut *nomine* qabel jaġixxi ġudizzjarjament kif għamel;

L-appellant isemmi fir-rikors ta' l-appell li l-ammont li qed jippretendi l-attur f'din il-kawża kien konness ma' debitu li dan kellu favur is-soċjetà konvenuta f'kawża oħra għall-ħlas ta' prezz ta' għamara. Din hi però pura spekulazzjoni u mhux permess lill-appellant li f'dan l-istadju javvanza konġetturi ipotetiċi ta' din ix-xorta li ma jinkwadraw ruħhom bl-ebda mod fl-eċċezzjonijiet minnu mogħtija. L-istess konsiderazzjoni tapplika għas-sottomissjoni li n-negozju ta' l-attur mhux wieħed tal-kiri ta' *scaffolding* u għalhekk ma kienx il-każ li l-attur kellu għalfejn jintrabat bi żmien qasir ta' xahar;

Sottomissjonijiet oħra ta' l-appellant dwar kemm kien komplikat ix-xogħol li kellu jsir, kemm ma setax jiġi kkompletat fi żmien ta' xahar, kemm ix-xogħol inxteħet lura minħabba li kien ix-xahar ta' Diċembru, huma kollha irrilevanti, kemm għaliex jidhru li ġew issollevati f'dan l-istadju u ma kinux jifformaw parti mill-kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll għaliex bl-ebda mod ma jolqtu l-pern tal-kwistjoni u ċjoè x'kien eżattament il-ftehim bejn il-kontendenti;

Jekk jiġi aċċettat, kif aċċettat l-Ewwel Qorti u kif din il-Qorti m'għandhiex raġuni għaliex ma taċċettax, li l-ftehim kien illi x-xogħol kellu jitlesta fi żmien xahar, hi konsegwenzjali l-konklużjoni illi jekk is-soċjetà konvenuta utilizzat, kif jirriżulta

li utilizzat, l-*iscaffolding* għal żmien ferm itwal minn hekk, l-attur appellat kellu jiġi adegwatament ikkompensat u dan fuq l-istess bażi u bl-istess rata. F'dan ir-rigward u taħt dan l-aspett, l-eżerċizzju ekwitattiv ta' l-Ewwel Qorti jirriżulta ġust u bbażat fuq il-fatti u l-liġi;

Kif fuq ġà ndikat is-soċjetà konvenuta appellanti fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, *in extremis*, issollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attriċi, abbażi ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16. Dan is-subinċiż jipprovdi għall-preskrizzjoni bl-għeluq ta' 18-il xahar għall-azzjonijiet ta' kull persuna għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli. Is-soċjetà appellata eċċepiet ġustament l-interruzzjoni ta' dan il-perijodu preskrittiv għax tippretendi u dana korrettement, illi dak li kien in kontestazzjoni kien biss l-ammont tad-debitu dovut lilha. Ma kienx hemm kwistjoni illi xi ammont kien dovut tant li s-soċjetà appellanti kienet ippreparata li tħallas għall-kiri ta' xahar wieħed u ċjoè s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600). Dan hu abbondatement ippruvat u ammess mill-konvenut *nomine*;

Bħala konsegwenza ta' din il-kontestazzjoni dwar l-ammont dovut, saru trattattivi bejn is-soċjetajiet kontendenti u għaddiet bejniethom korrispondenza bil-ħsieb li tintlaħaq xi forma ta' transazzjoni li però ma seħħitx. *Le trattattive di transazione interrompono la prescrizione o prestano fondamento alla rinunzia tacita alla prescrizione compiuta, reggiandosi negli effetti la rinunzia alla prescrizione alla ricognizione, sia pure tacita del proprio debito sul fondamento che il debitore, quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle pretese e fa abbastanza perchè il precetto nell'articolo 1897 dell'Ordinanza VII (1868)* (issa artikolu 2133 tal-Kap. 16) *sia sodisfatto*" (Vol. XXIV, pt. II, p. 589) "... *via ha rinunzi tacita alla prescrizione quando il debitore senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e la espressione come sopra usata dal*

*convenuto* (li ma kellux jagħti daqshekk) *dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore, ma non riconosceva come esatta la somma da costui pretesa"* (Vol. XXVI, pt. I, p. 441). L-istess konsiderazzjoni saret minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Giorgio Demarco** ***et vs*** **Giovanni Aquilina,** deċiża fl-10 ta' Ġunju, 1946 (Vol. XXXII, pt. I, p. 639). "L-appellant ma ċaħadx li huwa kellu jagħti lill-appellati, iżda dehrlu li ma kellux jagħti daqskemm kienu jippretendu. B'dan il-fatt huwa rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni. Huwa paċifiku mid-dottrina li l-inċertezza tal-*quantum* ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu (Giorgi obbligazioni, Vol. VIII, p. 446, No. 283 Troplong Prescrizione No. 675)". Fl-istess spirtu hemm f'ġurisprudenza kostanti, fosthom Vol. XXVIII, pt. II, p. 621; Vol. XLII, pt. I, p. 153 u oħrajn;

Fid-dawl ta' dan l-insenjament għandu jkun ċar li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fiċ-ċirkostanzi mogħtija mill-appellant f'din il-kawża hi insostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant *nomine*.